MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1779/2003

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' esetera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Baird Ltd.**

**vs**

**George Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fl-10 ta' Settembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' elf u tmintax-il lira Maltija (Lm1018.00) risarciment ta' Danni komplessivi minnha sborsati bhala indennizz a favor ta' l-assikurat taghha in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara f'H'Attard fil-5 t'Awissu, 2002, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru DBA-431 habat mal-vettura numru DAO-334, proprjeta` tas-socjeta` Baird Ltd, li kienet misjuqa minn Robert Aquilina u li fil-hin ta' l-incident kienet**

**wieqfa, ghal-liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti; Oltre l-imsemmija danni, l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tal-15 ta' April 2003 u dawk ta' l-ittra ufficjali (b'notifika wahda) presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali b'effett mill-15 ta' April 2003 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut prezentat fis-7 ta' Novembru, 2003.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talbiet attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundanna lill-istess konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tmintax-il lira Maltija (Lm1018.00), bl-imghax legali dekorribbli mill-15 ta' April 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tal-15 ta' April 2003 u dawk ta' l-ittra ufficjali (b'notifika wahda) presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------